Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 422/2015

Il-Pulizja

Vs

Lawrence Vella

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lawrence Vella detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 863254 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Marzu 2015, naqas li jaghti lil Agostina Vella, is-somma ta' 158.40 Ewro, iffissata minn dik il-Qorti, jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lawrence Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka billi tillibera l-esponenti minn kull htija jew piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lawrence Vella huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jilmenta illi l-Qorti meta ordnat il-korrezzjoni tac-citazzjoni ma ordnatx susegwentament li l-esponenti jigi notifikat mill-gdid kif kellu dritt.

Illi fit-tieni lok l-esponent umilment jissottometti li huwa kien diga hallas lil Agostina Vella l-manteniment mitlub u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm jirrizulta illi l-manteniment dovut kif indikat fl-akkuza ma thallasx puntwalment mill-appellant – mandanakollu jidher illi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant ottempra ruhu u hallas il-manteniment dovut kif ikkonfermat mill-parte leza. Kwindi ghalhekk l-akkuza tirrizulta ppruvata, madanakollu, fid-dawl ta' dawn il-fatti ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tikkonferma is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza dedotta kontrih, tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur